# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 19 – IT-TNEJN 21 TA' APRIL 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fid-8:45pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 18

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni lura mingħand l-MAGF fejn dawn kienu qed jitolbu ittra ta' ġustifikazzjoni minħabba numru konsiderevoli ta' line items ġodda li jidhru fuq il-BOQ l-ġdid li ġie sottomess mill-periti l-ġodda. Hija semmiet li l-maġġorparti ta' dawn il-*line items* kienu jinkludu dettall aktar profond li fil-BOQ preċedenti kienu mniżżla bħala somma globali (*lump sums*). Hija infurmat li kienet se tgħaddi risposta lura bl-għajnuna tal-periti.

2.2 Hija infurmat ukoll li sadanittant kienet ġiet mgħarrfa li l-periti tal-Kunsill ma setgħux ikunu fuq il-bord tal-aġġudikazzjoni minħabba li kienuhuma li preparaw id-dokument tal-offerta u għaldaqstant seta' jkun hemm konflitt ta' interess. Għaldaqstant fuq rakkomandazzjoni ta' Kunsill Lokali ieħor, kienet ġabet kwotazzjoni għall-preparazzjoni tar-rapport tal-aġġudikazzjoni għall-offerta tal-bosk mingħand ċertu Perit Mifsud Parker. Il-ħlas għal dan ix-xogħol kif ukoll għal-laqgħa ta' introduzzjoni kienet ta' €442.50 (inkluż il-VAT). Il-Kunsill aċċetta b'mod unanimu.

2.3 Is-SE infurmat li Denise Cortis, residenta mill-Imtarfa kienet aċċettat li ddoqq fuq il-pjanu b'mod volontarju waqt l-attività tal-lejla poe-mużikali.

2.4 Hawnhekk is-SE skużat ruħha li m'għandhiex aktar punti mill-minuti xi twassal lill-Kunsill għaliex kienet waqgħet lura ħafna bix-xogħol minħabba l-awditjar, ħruġ ta' offerti ġodda u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet b'mod speċjali.

## 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kif kien diġà kkomunika mal-Kunsilliera permezz tal-email, kien qed jipproponi lis-Sur Mark Saliba biex ikun l-editur il-ġdid tal-fuljett tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament. Hawnhekk, filwaqt li informa li kien irnexxielu jġib xi riklamar għall-pubblikazzjoni li jmiss, is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex kemm-il darba jirnexxielhom isibu xi riklami, dawn għandhom ikellmu lilu jew lis-SE mill-aktar fis possibbli.

3.2 Is-Sindku propona li jsir dawl għal fuq il-monument tal-fire-station li jinsab faċċata tal-HQ tal-BP Scouts. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li dan ix-xogħol diġà kien ġie diskuss u approvat waqt l-amministrazzjoni preċedenti. Is-SE infurmat li hija kienet ġabet numru ta' kuntratturi fuq il-post iżda l-ispiża kienet tidher li se titla' mhux ħażin. Barra minn hekk, hija ssuġġeriet li qabel il-Kunsill jiddeċiedi biex jagħmel id-dawl, jieħu ħsieb li jagħmel restawr tal-istess monument għaliex mhux qiegħed f'sitwazzjoni tajba. Is-Sindku qal li kien se jieħu ħsieb ikellem lill-MCAST sabiex possibbilment dan ir-restawr isir bħala proġett minn din l-iskola. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li kemm-il darba dawn ma jaċċettawx, il-kunsill għandu jmur għal xi skemi tal-UE jew mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

3.3 Is-Sindku reġa' semma' l-każ tal-*bus stop* quddiem taż-żebgħa. Huwa qal li jaqbel mal-proposta tal-Kunsillier Mifsud biex din titmexxa għal Pjazza Palma minħabba li qed tieħu l-ispazju tal-parkeġġ tal-vetturi. Hawnhekk il-Kunsillier Fenech għal darb'oħra sostna li huwa ma jaqbilx li jitmexxa fil-pjazza għaliex m'hemmx fejn isir *bus shelter*. Min-naħa l-oħra, kien hemm qbil unanimu li jekk dan il-bus stop jiċċaqlaq, l-ispazju jkun jista' jiġi utilizzat aħjar biex jiddaħħlu aktar parkeġġi. Kien hemm qbil li s-SE għandha tiltaqa' mal-perita inkarigata u titlob il-gwida ta' TM fir-rigward.

3.4 Is-Sindku propona li jsiru xi tip ta' *barriers* fuq il-bankina quddiem il-HQ tal-BP Scouts minħabba l-periklu li hekk kif joħorġu t-tfal jiġu fit-triq prinċipali immedjatament. Hawnhekk is-SE issuġġeriet biex il-Kunsill jesplora l-possibbiltà li dawn il-*barriers* ikollhom post fejn isir reklamar sabiex ikun hemm xi sistema ta' introjtu minnhom. Il-Kunsill qabel.

3.5 Is-SE infurmat li xi ġimgħat qabel hi u s-Sindku kienu attendew għal konferenza stampa fejn il-Kunsilli Lokali ngħataw flus taħt l-iskema tal-attivitajiet nazzjonali. Hija infurmat li l-Kunsill Lokali kien irċieva €2000 bħala għajnuna u li din ma kinitx biżżejjed biex il-Kunsill jorganizza l-attività flgħaxija kif maħsub għaliex kienet se tiġi tiswa bil-wisq aktar mis-soltu. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jibgħat kommunikazzjoni sabiex l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għall-attività ta' din is-sena possibbilment tiżdied.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-lista kien hemm il-pagament ta' €40,333.86 għar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Kavallier Bonello u Triq l-Anzjani kif ukoll l-ewwel kont (magħmul minn diversi xogħlijiet) min-naħa tal-periti tal-Kunsill.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.3 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Marzu 2014.

## 5. ĦATRA TA' RAPPREŻENTANT FUQ IR-REĠJUN TRAMUNTANA

5.1 Is-SE infurmat li fuq mistoqsija li kienet għamlet mas-SE tar-Reġjun u mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kienet ġiet mgħarrfa li apparti l-President tar-Reġjun, li huwa membru tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, il-Kunsill kellu wkoll dritt li jeleġġi membru ieħor kemm-il darba dan jixtieq. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku, kien hemm qbil li r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa fuq ir-Reġjun għandu jibqa' l-Kunsillier Anton Mifsud.

## 6. TALBA GĦAL ĠEMELLAĠĠ MINGĦAND PUMPHERSTON COMMUNITY COUNCIL (L-ISKOZJA)

6.1 Is-SE infurmat li kienet waslitilha talba għal possibbiltà ta' ġemellaġġ ma' *Pumpherston Community Council* li jagħmel parti minn *West Lothian*, viċin ta' *Edinburgh*. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jesplora din il-possibbiltà u li qabel ma jikkommetti ruħu għandha ssir żjara qasira miż-żewġ partijiet sabiex isiru d-diskussjonijiet meħtieġa.

6.2 Is-SE tat idea tal-ispiża, li kienet twassal għal ftit 'il fuq minn €2000 għaż-żewġ żjarat. Il-Kunsill approva li għandhom isiru dawn iż-żewġ żjarat.

6.3 Sadanittant fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika mal-MEUSAC jekk hemmx għajnuna finanzjarja sabiex isiru xi skambji bejn iż-żewġ pajjiżi.

6.4 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien 8:45pm.

6.5 Kien hemm qbil li l-Kunsill jissospendi l-laqgħa temporanjament sabiex jiltaqa' mal-kuntrattur tal-knis u eżatt wara mal-kuntrattur tad-dwal tat-toroq. Il-ħin kien id-9pm u l-laqgħa reġgħet bdiet għall-ħabta tad-9:30pm.

## 7. ARRANĠAMENT BIEX IL-LIBRERIJA TAL-IMTARFA TINGĦAQAD MAL-LIBRERIJA NAZZJONALI

7.1 Is-SE infurmat li kienet f'kommunikazzjoni mas-Sur Steve Borg mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi fejn dan kien għamel żjara fil-Kunsill u infurmaha li d-Dipartiment kien lest jikkunsidra li jgħaqqad il-librerija tal-Kunsill mal-librerija nazzjonali. Hija infurmat li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta dan, il-librerija tkun tista' tiġi atrezzata b'mod konġunt bejn id-Dipartiment u l-Kunsill. L-ispiża tal-Kunsill kienet titla' għal madwar €2000. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta din il-proposta u għaldaqstant is-SE se tieħu ħsieb tmexxi fuq din id-deċiżjoni.

## 8. KORSIJIET TAL-KOMPJUTER MINN TCTC ISSUSSIDJATI MILL-KUNSILL

8.1 Is-SE kienet iċċirkolat il-ftehim il-ġdid mibgħut minn TCTC għal numru ta' korsijiet tal-kompjuter.

8.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta l-ftehim għall-Kunsilli ż-żgħar. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil sabiex meta jsir ir-refurbishment tal-librerija, il-kamra tal-kompjuters titmexxa fil-librerija sabiex tkun tista' tintuża kemm

għal-lezzjonijiet tat-TCTC kif ukoll għar-*research* minn min ikun qed juża' l-librerija.

8.3 Kien hemm qbil għaldaqstant li s-SE għandha tagħmel talba biex din il-kamra tal-kompjuters tiġi atrezzata b'sitt kompjuters moderni min-naħa ta' TCTC.

**9. PUNTI OĦRA**

9.1 Il-Kunsillier Fenech staqsa x'kien sar mill-iskip li tpoġġiet fiż-żona magħrufa bħala tal-Karnival minħabba li jidher li kienet iċċaqalqet. Kien hemm konferma li jidher li din kienet tmexxiet aktar 'il fuq quddiem il-binja tal-Imtarfa Drama Group. Din għandha titpoġġa lura fejn kienet.

9.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Kappillan fil-preżenza tal-perit tal-Kunsill sabiex jiġi spjegat lilu dwar il-ħsieb li l-Kunsill japplika għal fondi mill-Ewropa sabiex jiżviluppa u jsebbaħ it-*town centre*. Is-Sindku informa li kien se jagħti aktar dettalji dwar dan matul il-laqgħa li jmiss.

**12. AĠĠORNAMENT**

12.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:00pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |